L-UFFIĊĊJU TAL-KUMMISARJU GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIIMALI

RAPPORT ANNWALI – 2015

Paġna

Introduzzjoni

Ir-Responsabiltajiet tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali

Rapporti u lmenti

Il-ġlieda kontra l-moħqrija fuq l-annimali

Konklużjoni

## Introduzzjoni

Dan hu l-ewwel rapport annwali tiegħi mal-ħatra tiegħi bħala l-ewwel Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali. L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali twaqqaf bis-saħħa tal-Kapitolu 439 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, bil-għan li jixħet dawl fuq status mistħoqq għall-kwistjonijiet ta' Ħarsien tal-Annimali u każijiet relatati ma' dan.

Il-missjoni aħħarija tal-Uffiċċju tal-Kummissarju huwa li jippromwovi u jaħdem favur l-ħarsien tal-annimali u l-ogħla standards tas-saħħa, iż-żamma u t-trattament tal-annimali. Il-promozzjoni ta' konformità mal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, it-titjib tal-kooperazzjoni bejn entitajiet u persuni i jaħdmu favur il-ħarsien tal-annimali u l-formolazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-annimali, kollha kinux minn tal-ewwel fuq l-aġenda.

## Ir-Responsabiltajiet tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali

Ma kienx faċli li nsibu bini tajjeb biex jilqa' l-uffiċċju tagħna; wara sena għadna fil-bini ta' Casa Leoni f'Santa Venera. Waħda mir-responsabiltajiet tiegħi hi li nsib il-persuni adattati mis-Servizz Ċivili sabiex ngħaqqad tim ġdid biex niffurmaw dan -l-uffiċċju. Wara kważi sitt xhur  mil-ħatra tiegħi ġew intervistati u impjegati Spettur għall-Ħarsien tal-Annimali u żewġ Uffiċjali tal-Promozzjoni. Għalkemm l-istaff għadu limitat fi-numru tiegħu, il-ħidma tagħna flimkien u l-kooperazzjoni diġà qed jagħtu l-frott.

Ftit xhur qabel il-ħatra uffiċjali tiegħi kont bdejt naħdem fuq ktieb dwar il-ħarsien tal-annimali, bl-isem **L-Imħabba Tagħna Lejn l-Annimali Obbligi – Liġijiet – Regolamenti.** F'Mejju 2015 dan il-ktieb beda jiġi stampat fl-Istamperija tal-Gvern. Dan il-ktieb bl-istampi kien strumentali għal-linji gwida tal-ħarsien tal-annimali f'Malta, u għalhekk ġew ordnati għaxart elef kopja biex iservu bħala materjal promozzjonali l-aktar għat-tfal fis-Sitt Sena 'l fuq. Fis-6 a' Ottubru 2015, il-ktieb tnieda uffiċjalment fl-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa, fil-preżenza tal-Onor. Segretarju Parlamentari Roderick Galdes. Matul din l-attività qassamna total ta' 380 ktieb lill-istudenti kollha.

Wieħed mid-dmirijiet taż-żewġ Uffiċjali tal-Promozzjoni fl-Uffiċċju tiegħi hu li jżuru skejjel madwar Malta u Għawdex biex jagħtu diskors qasir bl-użu ta' preżentazzjoni *PowerPoint* dwar is-suġġett, u jqassmu kopja tal-ktieb u *book mark* lil kull student. Bdejna din l-inizjattiva wara li jien iltqajt mad-Direttur Ġenerali għall-Edukazzjoni, Dr Frank Fabri, li kien hu stess li qassam ċirkolari dwar dan lill-kapijiet tal-iskejjel kollha. Dawn it-*talks* se jiġu organizzati matul il-lezzjonijiet tal-PSCD tul is-sena skolastika. Fir-rigward taż-żjarat fl-iskejjel matul SkolaSajf għall-promozzjoni tal-Ħarsien tal-Annimali, ġejna mistiedna li nżuru l-iskola Primarja ta' San Ġwann fi ħdan il-Kulleġġ ta' Santa Klara f'Pembroke, sabiex nitkellmu ma' mija u tlieta u sebgħin student tas-6 Sena. Din l-attività kienet ta' suċċess meta wieħed iqis il-parteċipazzjoni tal-istudenti li ngħataw ktieb kull wieħed. Attività oħra ta' promozzjoni ġiet organizzata fl-Iskola Primarja ta' San Bastjan f'Ħal Qormi, fejn l-istudenti tas-6 Sena segwew preżentazzjoni fuq *PowerPoint*. Il-kotba tqassmu lil kulħadd. Irċevejna stediniet minn diversi skejjel oħra biex nattendu SkolaSajf. L-Uffiċċju tiegħi kkollabora mad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, u b'hekk ġiet żgurata esperjenza li dawn it-tfal żgur jibqgħu jiftakru. Barra minn dan, spiss ġejt mistieden nipparteċipa f'diskussjonijiet fuq stazzjonijiet differenti tat-TV u tar-radju; l-għarfien tal-pubbliku żdied għalkemm għad baqa' xogħol xi jsir.

**Rapporti u Lmenti** dwar kwistjonijiet ta' ħarsien tal-annimali saru lill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali kważi ta' kuljum permezz ta' email jew bit-telefon. Din is-sena ġew irrapportati total ta' erba' mija u sebgħa u sittin każ. Il-każijiet kollha ġew indirizzati skont il-bżonn, u f'ċerti każijiet id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u d-Direttur tal-Veterinarji ġew mitluba jipprovdu assistenza għal riżultati aktar effiċjenti. F'każijiet oħra kienet meħtieġa investigazzjoni biex jitħejja rapport speċifiku. Dan kien il-każ ta' investigazzjoni li seħħet fl-14 ta' Novembru 2014, rigward kważi ħames mitt sponsun selvaġġ li kienu qed jinżammu fil-Kwarantina Veterinarji f'Ħal Luqa. Huma mietu waqt li kienu qed jinżammu bħala evidenza għall-Qorti Dawn l-għasafar iddaħħlu illegalment minn Kalabrija f'Ottubru 2014. Dan ir-rapport ġie ppubblikat u jista' jinsab fuq il-website tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali.

Fil-11 ta' Awwissu 2015 -Uffiċċju tiegħi rċieva rapport dwar il-moħqrija fuq annimali fuq farm fl-Imsida, u nfetħet investigazzjoni dwar dan. L-annimali fuq dan il-farm kienu jinżammu għal ħafna snin f'kundizzjonijiet ħżiena ħafna. Ittieħdet azzjoni mill-Uffiċċju tiegħi billi din il-moħqrija ġiet irrapportata lid Direttur tal-Veterinarji u s-Servizzi u d-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni.

Ċerti rapporti dwar il-moħqrija fuq l-annimali mhumiex ċari biex jiġu investigati. Dawn il-każi għandhom ikunu trattati b'mod diliġenti, filwaqt li ċerti drabi jkun meħtieġ parir espert biex jitlesta rapport finali u preċiż. Il-moħqrija kontra l-annimali tissemma' fl-aħbarijiet madwar id-dinja ta' kuljum, jew persuna li toqtol il-qattus tal-ġar, min iżomm ħafna annimali morda li qed imutu, jew il-familja li żżomm kelb marbut barra mingħajr kenn kif suppost. Il-Moħqrija kontra l-Annimali hija definita minn negliġenza sempliċi, negliġenza gravi, abbuż intenzjonali, żamma ta' wisq annimali, abbuż organizzat, jew abbuż b'ritwal. Dawn il-każijiet ta' moħqrija kontra l-annimali ma jistgħux jibqgħu għaddejjin, għax dawn il-prattiċi jikkawżaw ħafna uġigħ fuq l-annimali li ma jistgħux jgħinu lilhom infushom, sakemm ma nitkellmux aħna għalihom. Barra minn hekk ġie ppruvat li ċerti drabi dawn ikunu marbuta ma' reati oħra.

**Il-ġlieda kontra l-moħqrija fuq l-annimali** hija vjaġġ li kulħadd għandu jipparteċipa fiha. Dan hu rwol maġġuri fid-Dipartimenti tal-Gvern, jiġifieri, il-Pulizija, il-Wardens Lokali, Id-Dipartiment tas-Servizzi

Veterinarji u d-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-annimali, waqt li dan ġie msaħħaħ mir-rwol tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali. Din hi ukoll kwistjoni fejn il-membri tas-soċjetà inġenerali għandhom rwol tassew importanti xi jwettqu.

Għalhekk aħna napprezzaw l-isforz ta' ħafna individwi li jirrapportaw diversi forom ta' moħqrija fuq l-annimali lill-uffiċċju tiegħi. Madankollu ninnutaw li l-maġġor parti tagħhom mhumiex lesti li jidhru fil-qorti, għax jippreferu li jibqgħu anonimi. Aħna nżommu mat-taba tagħhom imma f'ċerti każijiet dan ixekkel x-xogħol tagħna. Fir-rigward tal-persunal tad-Direttorat għas-Servizzi Veterinarji u d-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, kien hemm drabi fejn l-uffiċċju tiegħi kellu jinvestiga. Dan kien rigward ilmenti ppreżentati minn individwi minħabba nuqqas ta' azzjoni f'ċerti każijiet ta' moħqrija fuq l-annimali .Jirriżulta li għalkemm huma konxji dwar il-Kapitolu 439 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali u r-regolamenti tiegħu, uħud minnhom jagħmlu biss il-minimu meħtieġ biex jieħdu l-azzjoni li jkun hemm bżonn. Diversi ċittadini, u jien magħhom, jinsabu mħassba dwar dan il-punt li għandu jiġi indirizzat. L-Uffiċjali kollha in kwistjoni għandhom jieħdu l-inizjattiva u jkunu tassew motivati li jiġġieldu kontra l-moħqrija fuq l-annimali.

Konklużjoni

Meta nikkunsidraw l-ilmenti mressqa miċ-ċittadini tal-gżejjer Maltin dwar l-amministrazzjoni ta' rapporti dwar kwistjonijiet ta' ħarsien tal-annimali, huwa tassew ċar li l-Uffiċjali għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jinħtieġu aktar taħriġ biex jagħmlu l-ħidma tagħhom kif suppost fir-rigward ta' infurzar. L-Istat jirrikonoxxi li għandu d-dmir li jippromwovi l-ħarsien tal-annimali, permezz tal-intervent tiegħu mal-entitajiet Leġiżlattivi, Ġudizzjarji u Amministrattivi fit-twettiq ta' missjoni tant sensittiva, waqt li hi meħtieġa kollaborazzjoni mal-pubbliku ġenerali sabiex nimxu 'l quddiem fit-trattament xieraq tal-annimali.

Emanuel Buhagiar

Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali.